25 ta' April, 1953.

**Imħallef :**
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Wiġi Attard

## Sperġur — Falsa Testimonjanza — Prova — Diportament tax-Xhieda — Auto-Inkolpazzjoni — Art. 103, 630 u 634 tal-Kodiċi Kriminali.

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tirrendi ħati ta' sperġur lil min jagħti xhieda falza fi proċeduri kriminali, sew kontra kemm favur l-imputat, hija applikabili anki għall-każ ta' min ikun xehed il-falz f'kawża kriminali fejn kien imputat huwa stess.*

*Hadd ma jista' jinstab ħati ta' xhieda falza fuq ix-xhieda weħidha ta' xhud wieħed biss li jikkontradiċi l-fatt li qabel ikun xehed l-imputat taħt ġurament; iżda l-imputat jista' jiġi misjub ħati fuq ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk dik ix-xhieda tkun korroborata f'xi ċirkustanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat minn provi oħra miġjubin skond il-liġi.*

*Id-diportament tax-xhud waqt li jkun jixhed hu, bla dubju, ta' l-akbar importanza għall-finijiet ta' l-attendibilità tax-xhieda tiegħu. U d-dikjarazzjoni ta' terzu persuna, li spontaneament tinkolpa ruħha minflok l-imputat, u "in kontradizzjoni tal-provi", għandha tiġi kunsidrata bl-akbar ċirkospezzjoni.*

Dan hu appell ta' l-imputat minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għal-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fit-22 ta' Diċembru 1952, li biha l-imsemmi Attard ġie misjub ħati ta' sperġur, u kundannat għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien ħdax il xahar, u għall-interdizzjoni ġenerali u dik li jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, u bħala perit f'kull każ li jkun, għal żmien għaxar snin, u ordnat li l-kundanna għall-interdizzjoni tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern għall-finijiet tal-liġi;

L-imputat talab ir-revoka tas-sentenza appellata;

Trattat l-appell, dina l-Qorti kkunsidrat;

Ir-reat li tiegħu nstab ħati l-appellant hu dak kontemplat fl-art. 103 tal-Kodiċi Kriminali, li jgħid hekk:— "Kull min jagħti xhieda falza fil-proċeduri kriminali dwar reat ma hux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan, sew kontra kemm favur l-akkużat, jeħel eċċ. eċċ." ;

Dr. Flores, difensur ta' l-appellant, issottometta li dan l-artikolu tal-liġi ma hux applikabili għall-każ ta' min ikun imputat li xehed il-falz fil-kawża tiegħu stess, u li fil-Kodiċi ma hemm ebda dispożizzjoni oħra li tista' tapplika għal ipotesi simili;

Fuq din il-preġudizzjali, il-Qorti tirrileva:

Minn mindu sar dan l-artikolu originarjament, fl-1854, ma kienx hemm ħlief emenda waħda, ċjoè dik magħmula bl-art. 9 ta' l-Ordinanza IX ta' l-1859: anzi jista' jingħad li l-artikolu, kif jidher il-lum, huwa dak stess li ġie statwit b'din l-Ordinanza. Infatti, fl-1854, dan l-artikolu, allura numru 96, kien jgħid hekk:— "Chiunque prestasse falsa testimonianza in una causa di un delitto portante a pena non eccedente due anni di lavori forzati o di prigionia, contro l'imputato od in favore del medesimo, sarà punito.........." Bħala tali ġie emendat fl-1859, fit-termini li għadhom jeżistu sal-lum. Għall-istudju jista' jingħad li fl-1901 l-artikolu ġie rinumerat 103, u mbagħad sar 102 fir-rinumerazzjoni ta' l-1914, u reġa' sar 103 fl-Edizzjoni Riveduta. Kif wieħed jara, l-emenda mhix ta' ebda importanza għall-finijiet tal-kwistjoni sollevata, u ġiet imsemmija l-evoluzzjoni ta' l-artikolu sempliċement biex jiġi żgumbrat dak li wieħed seta' jaħseb li seta' kien rilevanti, iżda ma hux:

Ġie osservat mill-Prosekuzzjoni, fil-kors ta' l-argumenti, li ma jidherx li qatt ġie sollevat dan il-pont, għad li saru proċessi molteplici kontra imputati ta' sperġur, u dejjem saru bla ebda kuntrast in bażi għal dak l-artikolu;

Minn naħa waħda, din l-osservazzjoni, li tirrispondi għar-realtà, ma jistax ikollha l-forza li tipprekludi d-diskussjoni tal-pont sollevat; għaliex il-prattika ma tistax toħloq reat jekk dan mhux fil-liġi, u jibqa' dejjem li l-pont jimmerita studju, u li hija solerzja enkomjabbli tad-difensur li jissolleva d-dubju minnu trattat. Minn naħa l-oħra, lanqas

għandha l-osservazzjoni tal-Prosekuzzjoni tiġi trażandata għal kollox; għar-raġuni illi l-prattika, għalkemm, kif ingħad, ma tistax toħloq reat jekk il-liġi ma kkontemplatx dan ir-reat, però xi valur ċertament għandha, fis-sens li dak li fit-terminoloġija legali antika (ara Prammatiche di Manoel, Kodiċi De Rohan, u anki xi sentenza tagħna antika, p.e. Vol. I, Kollez. p. 14) kien jissejjaħ, anki għar-rigward tal-Qorti Kriminali, "lo stile", dejjem segwit, juri almenu li l-ġudikanti preċedenti, għal żmien mhux indifferenti, ċjoè almenu mill-1909, ma ħassew ebda dubju li l-imputat, ammess, bil-liġi emendanti ta' dik is-sena, li jagħti x-xhieda tiegħu, jekk irid, kien, jekk jispergura, jaqa' taħt id-dispożizzjoni fuq imsemmija. Għalhekk jingħad legalment, in linea ta' massima, "via trita via tuta";

Premessa din l-osservazzjoni ġenerali, il-Qorti tgħaddi sabiex teżamina r-riljevi tad-difiża in sostenju tal-kwistjoni minnha prospettata;

Dr. Flores osserva li, meta saret id-dispożizzjoni fl-1854 (sostanzjalment identika, ħlief għall-parti li ma tinteressax din il-kwistjoni, għall-lokuzzjoni ta' l-1859, li hija dik tal-liġi attwali, kif ingħad fuq), il-leġislatur ma setax ikkontempla l-imputat li jagħti x-xhieda fil-kawża tiegħu stess;

Issa, ma hux għal kollox eżatt li jingħad hekk; għaliex, hekk espress, il-konċett jista' jimplika indirettament li l-leġislatur ried jeskludi l-imputat;

Hu aktar preċiż li wieħed igħid li, meta sar dak l-artikolu (fil-1854 jew fl-1859 — dan hu indifferenti), l-imputat ma setax jikkommetti r-reat fih kontemplat, għar-raġuni evidenti li allura l-imputat ma setax, lanqas jekk kien irid, jagħti x-xhieda tiegħu, u kwindi ma setax jagħti l-każ li jixhed il-falz. Infatti, kien biss wara li sar tant strepitu (ġustifikat jew le — din il-Qorti mhix imsejħa biex tgħid) — dwar il-"causa celebre" ta' Alfred Christian, li ġara fl-1909, imsemmi dana l-każ fir-Report tar-Royal Commission publikat fit-22 ta' April 1912, li anki qabel ma dik il-Kummissjoni tat ir-Rapport tagħha, u preċiżament bl-Ordinanza VIII ta' l-1909 (art. 60), l-imputat ġie ammess biex jixhed. Infatti, ir-Royal Commission (para. 249 tar-Report) kienet

qałet :— "Obviously the only possible evidence to rebut the charge would have been the evidence of Mr. Christian and his wife. But, as the law then stood, neither he nor his wife could be heard to give evidence". Fl-1909, kif ingħad, l-imputat gie mogħti l-fakoltà li jixhed, koerentement għall-Ligi Ingliża, li, hu interessanti li jigi osservat, kienet, meta introdotta, *kritikata* minn wieħed mill-aħjar Imħallfin tal-Qorti Kriminali Ingliża, Mr. Justice Avory, allura eżerċenti bħala "l'avvocato principe" fit-Tribunali Kriminali (ara John George Witt, K.C., "Life in the Law", "In Court");

Dan l-argument tad-difiża ma jimpressjonax lill-Qorti. Il-verità hi din: fl-artikolu in parola l-legislatur ikkontempla in origine bħala suggett attiv possibili tad-delitt lil "kull min jixhed f'kawża kriminali". L-imputat fil-kawża tiegħu stess *dak iż-żmien ma* setax jixhed; kwindi dak iż-żmien l-imputat ma setax ikun suggett attiv ta' dak ir-reat. Iżda dan ma jfisser xejn, għax hi ħaġa mhux diskussa illi dispożizzjoni tal-ligi, li *originarjament tolqot jew tista' tolqot* ċerti persuni biss, għax dawk biss jistgħu jagħmlu att minnha kolpit, imbagħa, bl-evoluzzjoni taż-żmien, issir tolqot persuni oħra, jekk, b'ligi sussegwenti, anki dawn il-persuni oħra jkunu jistgħu jagħmlu l-att minnha riprovat. Eżempju jista' jillustra dan il-konċett :

Fil-Kodiċi Kriminali ta' l-1854 kien hemm, fl-art. 216, dak li hu l-lum sostanzjalment l-art. 239, ċjoè l-fatt ta' min b'imprudenza, *negligenza*, jew *inosservanza* "delle prescritte precauzioni", jikkaguna involontarjamt il-mewt ta' xi ħadd. Il-legislatur ta' l-1854 ma setax jikkontempla l-fatt ta' min b'sewqan imprudenti joqtol persuna b'motor car, għaliex il-motor cars ma kienux jeżistu. Eppure, il-lum li jeżisti l-motor car, hu risaput li fatti simili jigu gudikati in bażi preċiżament għal dak l-artikolu. Wwoldiri, mas-suġġetti attivi possibili ta' dak ir-reat, bl-iżvilupp taż-żmien daħlu anki dawk li jsuqu l-cars, bla ma hadd hass in-neċessità ta' ebda emenda speċifika fil-ligi. Eżempji oħra jistgħu jigu moltiplikati;

Osserva wkoll *id-difensur* li l-*lokuzzjoni* ta' l-artikolu ma tadattax ruħha għall-każ ta' l-imputat li jixhed fil-kawża tiegħu stess, għaliex ma tantx hi proprja għal ipotesi simili l-

lokuzzjoni "sew kontra kemm favur l-akkużat", meta wieħed jikkunsidrana in relazzjoni għall-akkużat li jagħti x-xhieda tiegħu fil-kawża tiegħu stess. Issa, hu veru li forsi, kieku wieħed kien qed jivverga din id-dispożizzjoni fi żmien meta l-imputat seta' jagħti x-xhieda tiegħu, aktarx li kien jikkonċepiha aħjar, imma dan ma jġibx li l-imputat ma jaqax taħt dik id-dispożizzjoni; għaliex dik id-dispożizzjoni tikkolpixxi (u hawn qiegħda s-sustanza tagħha) il-fatt ta' "min jagħti xhieda falza fi proċeduri kriminali". Il-frażi "sew kontra kemm favur l-imputat" hi pjuttost aċċidentalità, li ma taffettax is-sustanza tar-reat; u hi anki spjegabili b'rifless eżeġetiku, li hu dan. Fl-iskritturi antiki tat-tribunali tagħna, meta l-frażijiet bil-Latin kienu jabbondaw, huwa komuni li wieħed isib il-frażi, "riferibili għax-xhieda", "in defensis et in offensis". Minn barra dan, fil-Kodiċi Muniċipali (u wieħed ma għandux jinsa li l-illustri ġurekonsulti Maltin li kienu r-redatturi tal-Kodiċi Kriminali Malti kienu għadhom imprenjati b'dik it-terminoloġija antika), għap-propożitu talfalsa testimonjanza, kien jingħad similment "quei che deporranno il falso nelle cause criminali a favore dei rei e contro il fisco", jew inkella "se la deposizione falsa sarà in favore del fisco o dell'accusato". Għalhekk lil dik il-frażi wieħed ma għandux jagħtiha ħlief il-valur tal-klawsola "di stile"; u anki forsi ġiet użata fil-Kodiċi ta' l-1854 biex jiġi sottolineat biha li ma kienx hemm aktar id-differenza fil-piena bejn każ u ieħor kif kien hemm fil-Kodiċi De Rohan (Lib. V, Capo VI, para. 5 u 6), ċjoè bejn l-ispergur favur u l-ispergur kontra l-akkużat. L-importanti għall-finijiet ta' din il-kwistjoni hu li l-artikolu in diżamina jikkontempla l-fatt ta' min jagħti xhieda falza f'kawża kriminali; u l-akkużat il-lum jista' jixhed, u, jekk jixhed il-falz, jaqa' appuntu fost il-persuni kolpiti b'dik id-dispożizzjoni, bil-kliem "Kull min jagħti xhieda falza fi proċeduri kriminali";

Ingħad ukoll mid-difiża illi d-dispożizzjoni li ppermettiet lill-amputat li jixhed qiegħda mhux fil-Liġijiet Kriminali, iżda fil-Proċedura Kriminali. Ir-risposta għal dan l-argument ma hix tant fl-osservazzjoni illi tant il-Ktieb tal-Liġijiet Kriminali kemm dak tal-Proċedura Kriminali qegħdin fl-istess

Kodiċi wieħed, b'mod li jista' jingħad li "statuta in uno eodemque volumine compilata unum ab alio debent recipere interpretationem", u lanqas fl-osservazzjoni magħmula minn Enrico Ferri fid-diskors parlamentari tiegħu tat-22 ta' Mejju 1912 (ara Vol. II Difese Penali tal-Ferri, pag. 691) illi l-proċedura kriminali hi aktar importanti mil-liġijiet kriminali, għax "mentre il codice penale è fatto soltanto per i delinquenti, il codice di procedura penale è fatto anche per i galantuomini"; imma r-risposta vera qiegħda fir-rifless illi l-veru aspett ġuridiku huwa mhux li l-art. 103 in diskussjoni jolqot l-imputat li jixhed il-falz bis-sussidju ta' l-art. 630 li jippermetti l-imputat li jixhed, imma li waħdu, u indipendentement minn kull artikolu ieħor, l-art. 103 jolqot l-ispergur; u l-imputat, minn mindu ġie ammess li jixhed, jista' għalhekk jikkommetti sperġur. Kwindi ma hemmx bżonn ebda riferenza għall-art. 630 biex l-ispergur ta' l-imputat jidħol taħt l-art. 103. L-art. 630 tah il-fakoltà li jixhed; xejn aktar;

Argument ieħor tad-difiża hu illi, kieku l-leġislatur ta' l-1854 jew ta' l-1859 kellhom f'moħħom, jew seta' kellhom f'moħħom, l-imputat li jixhed fil-kawża tiegħu, allura, talvolta, kienu jikkontemplaw piena diversa minħabba l-istint ta' l-"auto difesa" li jittravolġi lill-imputat. Il-Qorti ma tistax taċċetta dan l-argument, li, oltrekkè bażat fuq mera suppożizzjoni, huwa wkoll svalorizzat bil-konsiderazzjoni illi, meta l-leġislatur fl-1909 ta lill-akkużat il-fakoltà li jixhed, hu kien jaf li minn dak inhar 'il quddiem l-imputat kien sejjer jaqa' fin-noveru ta' dawk il-persuni li jistgħu jikkommettu sperġur. Intant, b'din il-konoxxenza b'kollox, minflok ma stabbilixxa piena diversa, qal anzi fl-istess artikolu illi "id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar ix-xhieda jgħoddu għall-imputat jew akkużat li jagħti x-xhieda tiegħu taħt ġurament", u b'hekk ipparifika fil-piena l-imputat sperġur max-xhud sperġur. Lanqas kien hemm verament raġuni tad-distinzjoni, għax il-liġi ċivili ma tirrikonoxxix, u ma setgħetx tirrikonoxxi, ebda forma kwalsijasi ta' restrizzjoni mentali li, għall-kuntrarju, xi moralisti jammettu fil-każ ta' imputat li jixhed (ara Bellacosa, Theologiae Moralis Rudimenta, 1900, p. 85, nota 2, fejn, a propożitu tad-distinzjoni bejn restrizzjoni men-

tali pura u restrizzjoni mentali mista, ighid :— "Si quis manifestando proprium delictum judici laico gravissimum malum timeret, adsunt doctores qui docent posse uti restrictione mixte mentali";

Għalhekk din il-Qorti tirritjeni illi l-art. 103 Kap. 12 jikkomprendi l-każ ta' imputat li jagħti xhieda falza fil-proċess kriminali tiegħu stess;

Fil-meritu;

F'każ ta' xhieda falza, ir-regola ġenerali, kontenuta fl-art. 634 Kap. 12, illi ċjoè, għad li għandha dejjem tinġieb dik il-prova sħiħa li l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti, eppure xhud wieħed biss, jekk emmnut, hu biżżejjed, tiġi varjata bir-regola l-oħra ta' dritt probatorju li ħadd ma jista' jinsab ħati ("inter alia") ta' xhieda falza fuq ix-xhieda weħedha ta' xhud wieħed biss li jikkontraddiċi l-fatt li qabel ikun xehed l-imputat taħt ġurament; iżda dan l-imputat jista' jiġi misjub ħati fuq ix-xhieda ta' xhud wieħed biss meta din ix-xhieda tkun korroborata f'xi ċirkustanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat minn provi oħra miġjubin skond il-liġi;

Il-fatti tal-każ preżenti huma suffiċjentement rikapitolati fis-sentenza li minnha sar appell;

Din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi, taqbel mal-Maġistrat illi l-imputazzjoni ta' spergur ġiet pruvata. Ix-xhieda ta' Salvu Galea, li ikkontraddiċa dak li ġie depost mill-imputat fix-xhieda tiegħu denunzjata bħala falza, tinsab ampjament konfermata mill-provi l-oħra; u l-Imħallef sedenti ma jħossx li għandu jżid xejn ma' dak li dwar dawn il-provi konfermatorji jingħad, ġustament u eżawrjentement, fis-sentenza appellata;

Din il-Qorti taqbel ukoll mal-komment ta' l-Ewwel Qorti dwar l-inattendibilità tax-xhieda ta' hu l-imputat, Giuseppe Attard, li qal li kien hu li ta d-daqqa ta' mus lil Galea; liema xhieda hi kontraddetta mill-provi l-oħra;

L-Imħallef sedenti jagħti wkoll ħafna piż lill-osservazzjonijiet tal-Maġistrat dwar id-diportament ta' dan ix-xhud Giuseppe Attard fix-xhieda tiegħu "viva voce" in prim'istanza. Dak li jissejjaħ id-"demeanour" tax-xhud hu bla dubju ta' l-

akbar importanza, u ġie grafikament deskritt fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Pres. Sir Arturo Mercieca, fil-kawża "Pace vs. Pace", 4 ta' Mejju 1925, b'dawn il-kliem: "L'audizione del teste da parte del giudicante mette questi in grado di esercitare un controllo immediato sul deponente, di direttamente scrutarne il contegno, i movimenti, le inflessioni della voce, di avvertire in ogni parola ogni circostanza che concorre a dare alla testimonianza il peso che si merita, a fargli decidere se essa è la narrazione serena e precisa dei fatti visti ed accertati da un testimone fededegno, o è la creazione di chi, per partigianeria o per debolezza mentale, non possa dare garanzia di serietà e di veridicità";

Issa, kif jgħid il-Powell, On evidence, p. 700:— "The judge of first instance has heard the witnesses, and had an opportunity which the appellate tribunal does not possess, of testing their credit by their demeanour under examination; hence great weight should be always attached to the finding of fact at which he has arrived". U l-Imħallef Cozen-Hardy, Master of the Rolls, in re Wagstaff 98 L.J. p. 151, qal:— "The Court below has had the inestimable advantage of judging from the demeanour of the witnesses whether they are or are not speaking the truth..............";

Barra minn hekk hu ovvju li dawn id-dikjarazzjonijiet ta' terza persuna, li "sua sponte" tinkolpa ruħha minflok ħadd ieħor, "in kontradizzjoni tal-provi", għandhom jiġu kunsidrati bl-akbar ċirkospezzjoni; għaliex jekk il-provi juru soddisfaċentement il-kuntrarju, allura dikjarazzjonijiet simili bilfors ikunu tentativ sabiex tiġi żvijata l-ġustizzja, għal xi raġuni jew oħra, li tista' anki ma tidherx u tkun konoxxuta biss mill-interessati. Hu reċenti, ċjoè fl-1947, fl-Ingilterra, il-każ ta' Walter Graham Rowland, li fis-16 ta' Diċembru 1946 ġie kundannat għall-mewt għal omiċidju ta' Olive Balchin, u appella. Fil-kors tat-trattazzjoni ta' l-appell, fi Frar ta' l-1947, ċertu David John Ware kien fir-reċinti tal-Qorti ta' l-Appell Ingliża, lest biex jissejjaħ bħala xhud, għax kien għamel spontaneament dikjarazzjoni ma' ħadd ieħor f'Jannar ta' l-1947 li kien hu li qatel lil Olive Balchin. Il-Qorti ta' l-Appell irrifjutat li tisimgħu bħala xhud; u Mr. Justice Humphrey qal:— "It is ob-

vious that a mere statement of a person such as Ware, that the convicted man is innocent because he himself is guilty, would not justify the quashing of the conviction of Rowland";

Għar-raġunijiet kollha li ntqalu, din il-Qorti ma tara ebda raġuni, la fid-dritt u lanqas fil-fatt, biex tiċċensura s-sentenza tal-Qorti ta' l-Ewwel Grad;

Għal dawn il-motivi, prevju r-riġett tal-prova offerta bir-rikors ta' l-imputat tal-25 ta' Marzu 1953 għar-raġunijiet indikati fid-digriet tagħha tat-23 ta' April 1953;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata.